MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF ANTONIO MIZZI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Numru 6/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Anthony Cachia**

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuża numru 6 tas-sena 2011 fil-konfront ta' Anthony Cachia (detentur tal-karta tal-identita' 171654(M) li biħ huwa akkużat talli :

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Illi fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), Anthony Cachia kien qiegħed fl-għalqa tiegħu, limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, liema għalqa hija konfinanti u viċina ħafna ma' għalqa oħra li hija propjeta' ta' Joseph Cachia, li jiġi ħu l-akkużat Anthony Cachia.

Waqt li l-akkużat kien qiegħed fi sqaq li hemm ma dan ir-raba u Joseph Cachia kien qiegħed fir-raba tiegħu ta' fuq, ċioe fuq in-naħa tal-lemin, qam argument bil-kliem bejn dawn l-aħwa Cachia dwar ħajt tas-sejjiegħ li jinsab bejn l-għelieqi u li kien inqaleb xi jiem qabel. Dan l-argument eskala tant li ftit ħin wara, Anthony Cachia, mill-kliem għadda għall-fatti u wara li għamel il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħuh Joseph f'perikolu ċar, qabad senter u spara xi tiri fid-direzzjoni tal-istess Joseph Cachia.

Fortunatament, għalkemm it-tiri sparati minn Anthony Cachia laqtu lil Joseph Cachia tant li nstabu diversi pellets taċ-ċomb f'diversi partijiet minn ġismu fosthom f'wiċċu u f'rasu tant li kkaġunaw feriti wħud minnhom anke klassifikati mill-esperti tal-Qorti bħala ta' natura gravi, ma laqtux partijiet vitali fil-ġisem ta' Joseph Cachia.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Anthony Cachia sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Anthony Cachia talli fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), waqt li kien fl-għelieqi tiegħu u/jew ta' ħuh Joseph Cachia u/jew fl-akkwati tal-istess, u liema għelieqi jinsabu fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (f'dan il-każ lil ħuh Joseph Cachia), jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess persuna f'perikolu ċar wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob għalhekk jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa' tletin (30) sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), [217, 222(1)(a)], 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi Fl-istess żmien u ċirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża, u ċioe` fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq, Anthony Cachia filwaqt li spara xi tiri fid-direzzjoni ta' ħuh

Joseph Cachia bil-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdlu ħajtu f'perikolu ċar (u ċioe fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt volontarju kontra l-persuna ta' ħuh) kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar jew arma regolari u ċioe' senter, mhux għal għan leġittimu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Joseph Cachia sar ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna ta' ħuh (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi Anthony Cachia talli fil-15 ta' April 2006, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17.45 hrs), fil-limiti tal-konfini bejn Ħal-Safi u ż-Żurrieq irrenda ruħu ħati talli fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu; jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn (2) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikolu 17, 18, 23, 31, 64 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Anthony Cachia, preżentat fis-6 ta' Marzu, 2015, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Anthony Cachia għall-akkużi miġjuba kontrih fl-ambitu tan-Nota li qegħdha tiġi ppreżentata kontestwalment mir-rikorrent Avukat Ġenerali, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2) sospiżi għal erbgħa (4) snin flimkien ma' multa ta' elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin

ċenteżmu (€1,164.69), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 19 ta' Mejju, 2015, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Anthony Cachia ħati talli:

1. Talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

2. Fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna ta' ħuh (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux għal xi għan leġittimu.

Rat il-ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkużat jirreġistra ammissjoni bikrija fil-proċeduri u b'hekk jiġi evitat ħafna xogħol inutli u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fil-kaz " Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem neċessarjament u bħala dritt jintitola lill-ħati għal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta ' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) <u>where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."</u>*

Għaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 217, 222(1)(a), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikolu 17, 18, 23, 31, 64, tal-Kodiċi Kriminali Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), tikkundanna lil ħati Anthony Cachia għall-piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2). Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-akkużat jikkometti reat ieħor li għalieħ hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-ħlas ta' multa ta' elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' seba' mija u wieħed u ħamsin Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€751.63), rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Finalment, tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti f'din il-kawża.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------